# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 573

It-Tlieta, 23 ta' April, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-11.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 573.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

L-Ambaxxatur Lokali għaż-żgħażagħ talbet li tiġi skużata minħabba raġunijiet ta' edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 573.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 573.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

573.3.1 Is-Sindku semma l-iskema ta' Restawr u Sqaqien ta' Eko Għawdex. Il-Kunsill ser japplika għal Sqaq Nru 3 fi Triq San Girgor, Sqaq fi Triq it-Torri, u jekk jibqa' fondi, indaħħlu s-Sqaq ta' Triq Klula.

573.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill illi l-fondi li kienu ttieħdu mid-DLG u ngħataw lir-Reġjun għall-iskart ingħatawlna lura.

573.3.3 Wara li l-Kunsill Lokali kien ġie kkuntatjat mill-Universita' ta' Malta dwar possibilta' ta' fondi għal xi proġett fejn l-Għadira ta' Sarraflu, dan ma sar xejn dwaru għaliex infurmawna li l-għeluq tal-applikazzjonijiet kienu fl-4 ta' April.

573.3.4 Irċevejna talba minn naħa tal-Għaqda Festa Għajn Tuta sabiex l-Għaqda tkun tista' tuża l-magna tad-dris għal attivita' li ser tkun is-sena d-dieħla. Peress li l-Kunsill għad m'għandux f'idejh din il-magna, ma jistax jitkellem dwarha u għalhekk ma nistgħux nagħtu tali permessi.

573.3.5 Irċevejna l-konferma minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex illi ser jibdew inaddfu l-monument tal-bronż quddiem Ġnien Ċensu Xiberras minn naħa tagħhom.
TM talbet lill-Kunsill sabiex isir survey ta' Triq Għajn Tuta kollha minħabba l-parkeġġ tat-triq.

573.3.6 Dwar it-traffic management ta' Pjazza Orvieto, l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet overlapping ma' traffic management li kienu għamlu minn naħa tal-iskola peress li applikaw għal permess tal-PA. Il-Kunsill Lokali issa ser jagħmel laqgħa mal-Education sabiex niddiskutu xi ħsieb għandhom biex jimplimentaw it-traffic management approvat diġa' lilhom.

573.3.7 Saret talba minn Kercem Ajax FC sabiex il-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni magħhom fl-okkażjoni tal-20 sena ta' Raymond Mercieca tournament. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

573.3.8 Id-DLG staqsa jekk il-Kunsill Lokali hux ser jalloka postijiet fejn jistgħu jipparkjaw il-caravans fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li mhux ser jalloka

postijiet apposta għall-caravans.

573.3.9 Irċevejna l-approvazzjoni minn naħa tad-DLG illi ser jagħtuna aktar fondi fuq l-iskema tal-Automated Public Convenience. Għalhekk ser nirranġaw l-offerta u nerġgħu noħorġuha.

573.3.10 Il-Kunsill ġie nfurmat minn naħa tar-Reġjun t'Għawdex illi hemm fond mill-flus tal-LESA li issa l-Kunsilli u l-NGOs jistgħu jagħmlu użu tiegħu sabiex jiġbru lura l-ispejjeż li jkunu ntefqu fuq Wardens, Pulizija u Uffiċjali ta' TM.

573.3.11 Ġejna nfurmati illi nhar is-6 ta' Lulju 2024 ser jittella' 'Charles Buttigieg in concert' fi Pjazza Santa Luċija. Il-Kunsill Lokali ħareġ in-*no objection* tiegħu. Sadanittant ġejna nfurmati ukoll illi dakinhar stess ser ikun hemm il-Prima Messa ta' Rev. Franklin Micallef iżda ser nikkoordinaw l-għeluq tat-toroq sabiex Ta' Kercem u Santa Luċija ma jkunux magħluqin fl-istess ħin.

573.3.12 Dwar l-applikazzjoni tal-itch tal-boċċi, is-Sindku spjega illi l-ERA m'aċċettawx li jinqalgħu il-palm minn naħa ta' ġewwa fejn ippropona l-Kunsill. L-ERA qed tissuġġerixxi li l-pitch isir in-naħa ta' barra eżatt mal-entratura tal-tennis court. Il-Kunsill mhux jaqbel ma' dan il-post għax mhux loku u apparti hekk, inkunu qed nagħlqu d-daħla tat-tennis court. Il-Kunsill ser jisħaq li jsir fil-post li applika għalih oriġinarjament u l-palm jiġi rilokat.

573.3.13 Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar talab lill-Kunsill sabiex jiffirma *covering letter* sabiex il-Ministeru jkun jista' japplika għal fondi Ewropej biex jiġu rranġati il-bqija ta' Triq santa Katerina tal-Qabbieża u triq f'tal-boroż. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 573.4 Approvazzjoni tal-Baġit għas-sena 2024

Is-SE ppreżentat kopja tal-baġit għas-sena 2024 li nħadem flimkien mal-Accountant. Il-Kunsill Lokali approvah.

## 573.5 Approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter għas-sena 2022

Is-SE ppreżentat ir-risposta tal-Management Letter għas-sena 2022. Il-Kunsill Lokali approvaha.

## 573.6 Kisi tal-ġibjun tal-Għadira ta' Sarraflu

Is-Sindku spjega illi għadna rridu niksu l-ġibjun tal-Għadira ta' Sarraflu. Ġie deċiż li niġbru tliet kwotazzjonijiet u nagħmluh.

## 573.7 Festa 2024

Ġie diskuss it-tindif tal-festa u li nerġgħu nġibu l-mobile toilets. Ser nippruvaw naħdmu bħas-sena l-oħra. Il-posot tal-kiosks ser jibqgħu l-istess.

## 573.8 Skema Sqaqien Eko Għawdex 2024

Kif issemma aktar qabel, il-Kunsill ser japplika għal Sqaq Nru 3 fi Triq San Girgor, Sqaq fi Triq it-Torri, u jekk jibqa' fondi, indaħħlu s-Sqaq ta' Triq Klula.

## 573.9 Ċirkulari SPI/SCI/03/2024 – Lokalitajiet aktar nodfa u, Ċirkulari SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;

Dwar Ċirkulari SPI/SCI/03/2024, il-Kunsill Lokali qabel li japplika għal cleanup flimkien ma' Kercem Ajax FC u jsib data għal Settembru 2024.

Dwar Ċirkulari SPI/SCI/04/2024, il-Kunsill Lokali ser ikellem lil Perit u japplika sabiex titranġa parti minn Triq Santa Katerina tal-Qabbieza.

## 573.10 Bordijiet tal-offerti

Il-Kunsill iddeċieda illi l-bordijiet tal-offerti li ġejjin ikunu mqassmin hekk:

Acquisition, supply, restoration and operation of a pre-1950s mobile threshing machine: Chairperson – William Sultana, Membri – Dr Joshua Grech, Ing Mario Cauchi, Daniel Galea, Segretarju tal-bord – Marianne Sagona

Provision and installation of CCTVs around Ta' Kercem: Chairperson – William Sultana, Membri – Dr Joshua Grech, Ing Mario Cauchi, Daniel Galea, Segretarju tal-bord – Marianne Sagona

## 573.11 Ilmenti u Suġġerimenti

Il-Kunsillier Frankie Attard semma l-fanali ta' Triq Klula li qed jaqa' l-ħġieġ tagħhom minn ġo fihom. Ġie deċiż li naqilgħu il-ħġieġ u nagħmluh perspex.
Saret talba għal Cul de Sac fit-triq ta'mitħna fit-triq ta' Ta' Pinu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
Saret talba biex jitranġa ħajt fi Triq Għar Ilma. Ħadd ma sab oġġezzjoni.
Ġie deċiż li ssir tabella fi Triq Għajn Tuta li turi d-direzzjoni għax-Xlendi.

## 573.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 573.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-12.15pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Mejju, 2024 fil-11.30am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |